# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Diane Vella )

Vs

Mohammed Abdallah

Illum 24 ta`Marzu, 2025

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta'Mohammed Abdallah bin N/A imwieled fl-08/07/2002 u joqghod 89, Vienna, Triq Hal-Warda, Attard  Ref Com: 25480

Billi int akkuzat talli fit-14 ta` April, 2023 ghall-habta ta'bejn 18:20hrs u 18:40hrs f`Triq il-Kbira San Guzepp Santa Venera soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni GCH453;

1. U aktar talli soqt l-imsemmija vettura minghajr ma kellek licenzja tas-sewqan mill-Awtorita` dwar it-trasport ta` Malta Kap 65 Art 15(1) (a) (2)

2. U aktar talli soqt l-istess vettura minghajr ma kont kopert b`polza tas-sigurta dwar ir-riskji tat-terzi persuni. Kap 104 Sec. 3(1)

3. U b`nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b`nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni jew b`nuqqas ta` tharis tar-regolarmenti tat-traffiku, hbatt ma vettura b`numru tar-registrazzjoni SGV979 w nvolontarjament ikkagunajt hsarat ghad-dannu ta` Allen Debono, Kap 9 Art 328 (d).

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minhabba li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzji tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikolu 328( d)tal-Kap 9 u art 3(1) tal-Kap 104 u Chap 65 art 15(1)( a) (2) fil-L.S. 65.18Art 36(B) u fil-LS65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta

Rat ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

L-imputat ghazel li ma jixhidx.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**PS 1469 E Borg Kenneth Borg u Stephen Cachia** xehdu permezz ta' affidavit.

**George Stagno Navarro** xehed dwar l-assikurazzjoni tal-vettura GCH453

<u>**Alan Debono, xehed hekk**</u>

Pros: X'kien l-involviment tiegħek f'dan l-inċident?

Xhud: Fl-14 t' April ta' 2023 kont ipparkjat fi triq il-Kbira il-bejn Santa Venera u Hamrun malli taqbeż il-knisja ta' Santa Venera ipparkjat fuq in-naħa. Tax-xellug tat-triq ġej minn Santa Venera sejjer lejn il-Hamrun. Jiena kont in-naħa l-oħra tat-triq jiġifieri karozza kienet ipparkjata u jien kont in-naħa l-oħra tat-triq. Smajt ħoss u malli ndur innutajt illi karozza bajda tat-tip Kia kienet laqtet il-karozza tiegħi u baqgħet għaddejja.

Qorti: Minn min kien qed isuqha rajtu il-persuna?

Xhud: Assolutament le jiġifieri jiena kulma rajt il-karozza terġa kienet distanti minni il-karozza.

Qorti: Lanqas in-numru ma rajt?

Xhud: GCQ 453 naf ghax hadtlu ritratt jiġifieri ħadt ritratt tal-karozza iva ħadt ir-ritratt tal-karozza u ppreżentajtu lill-l-Għassa tal-Hamrun.

Pros: X`Sofrejt bħala dannu inti?

Xhud: Il-ġenb tal-karozza miġbud għandi ritratti, hawnhekk, jiġifieri jekk trid nippreżentaw.

Pros: Hadthom inti?

Xhud: Iva hadthom jiena.

Qorti: Mela gew ezebiti kemm ir-ritratt jekk jogghbok?

Xhud: Mela dawn ir-ritratti, tal-karozza ghandi 8.

Qorti: Mela DOK AD 1 sa AD 8.

Pros: Qed nagħmillek referenza għar-ritratt li hija timmarkat AD 1 xi tgħidli fuqu?

Xhud: Dan ittieħed eżatt wara li ġara l-każ qed jimmarka il-karozza bin-numru GCH 453 tat-tip Kia Picanto bajda li

kienet il-karozza li kienet għadha kemm laqtet il-karozza tiegħi ftit istanti qabel.

Pros: Qed nagħmillek referenza ritratt AD 2?

Xhud: Hija l-istess karozza illi qiegħda tagħmel manuvra biex tidħol fuq triq fuq in-naħa tax-xellug. Il-kumplament huma kollha il-konsegwenza tad-daqqa li ġarrbet il-karozza tiegħi li huma AD3 sa AD8.

Pros: Jiena daqshekk sinjura.

Xhud: Jiena min-naħa tiegħi nixtieq inżid hemm li ftaħt il-claim jiena ovvjament ħa biex inkun nista' nsegwi l-karozza, speċjalment ħabba li kelli l-mera imqaċċta ma stajtx insuq bil-kawża kif kienet u jiġifieri l-karozza tranġat bis-saħħa tal-insurance tiegħi. Jiena dakinhar mort l-Għassa tal-Hamrun għamilt ir-rapport ovvjament peress li kienet Hit and Run umbagħad wara iż-żmien kulma smajt illi ġejt mitlub bħala xhud. Skont l-insurance tiegħi il-claim min-naħa l-oħra qatt ma saret.

Avu: Mela merini jekk jien żbaljat tajjeb fir-ritratti li inti esebejt naqblu li m' hawnx il-karozza tiegħek ipparkjata jiġifieri ritratt tal-karozza tiegħek ipparkjata ma hemmx?

Xhud: Le ovvjament għax id-distanza, id-distanza tal-karozza li kien hemm minn x`hin laqtet il-karozza tiegħi għalkemm laħqet saret il-karozza tiegħi ma tistax tiġi fl-istess ritratti.

Issa naqblu illi inti wara li ovvjament kellek dan l-inċident mort tagħmel rapport għand il-pulizija?

Xhud: Ezatt mort fl-Għassa tal-Hamrun.

Avu: Dakinhar stess kien?

Xhud: Kienu fis-sitta, Fis-seba' neqsin ghoxrin l-inċident seħħ għal xi 06:30 u 06.35.

Avu: Naqblu li l-pulizija ġie wara l-ħsarat iva li inti suppost kellek fil-karozzi?

Xhud: Iva.

Avu: Issa jiena qed nagħmel referenza għax-xhieda tal-pulizija li xehdet hawnhekk tajjeb u dan qed jgħid illi bħala ħsarat meta ġie biex jivverifika l-ħsarat li kellek fil-karozza tiegħek inti kulma għidtlu lilu kienet il-mera?

Xhud: Evidenti dak il-ħin kienet tqactet il-mera, għax il-mera tqactet parti minnha tqaċċtet marret f' nofs it-triq u l-kumplament iddendlet, l-oħrajn ħarġu l-karozza ma kinitx nadifa dakinhar, jiġifieri ma setgħux jidhru mal-ewwel l-oħrajn ħarġu waqt li kont qed nara il-karozza d-dar iktar tard filfatt jidhirli li l-għada jew fil-viċin erġajt mort l-Għassa biex nurihom li kien hemm iktar ħsara.

Avu: Ma jidhirlix li l-pulizija semmewhom malli erġajt mort terġa' tirrapporta u li terġa' tgħidilhom li kien hemm il-hsarat?

Xhud: Li kien hemm it-tieni darba.

Avu: Pero inti qed tgħid illi meta mort id-dar dawn il-ħsarat rajthom hemmhekk.

Xhud: Jien dahhalt il-karozza gol-garaxx u d-dawl ħa jagħmel iktar evidenza.

Avu: Ċertu ċertu sejħiet hawnhekk huma evidenti illi ma rajthomx jiġifieri dak il-ħin inti ma rajthomx dak il-ħin?

Xhud: Nirrepeti dak li għadni kemm ghedt dottore.

Avu: U fir-rigward l-istima tal-ħsarat naqblu li inti tgħid stima tal-ħsarat lil pulizija?

Xhud: Lil insurance.

Avu: Il-pulizija ma tajthomx stima tal-ħsarat inti?

Xhud: Jiena kulma għamilt ftaħt claim l-insurance.

Xhud: Li stajt tajt li l-pulizija hija l-mera għax ovvjament.

Avu: Jigifieri taqbel miegħi li inti mort niċċekkja kemm il-mera utajthom lil pulizija hux hekk?

Xhud: Tajtha il-pulizija ezatt il-kopja tal-irċevuta tal-mera.

Avu: Xejn iktar sinjura.

**Owen Cuatajar, xehed hekk :**

Pros: Mela qed nurik irċevuta li qiegħda ġewwa l-atti x' tista' tgħidli fuqha?

Xhud: Mera tar-right hand side ta' Suzuki Vitara.

Pros: Minn fejn ħarġet dik?

Xhud: Industrial Motors Limited.

Qorti: U inti in rapprezentanza ta` Motor Industrial Limited u lil min bihhejtuha?

Xhud: Cash sale jigifieri individwu kien.

Qorti: Numru tal-karooza jew lil min?

Xhud: Le ma jkollix, ghax cash sale.

**Ikkunsidrat**

Illi meta **PS 1469 E Borg** nizzel dak li qallu l-imputat ma tahx it-twissijiet kollha u senjatament ma inghatghax d-dritt tas-silenzju. ( P vs Karl Vella Petroni 1072/2019 per Onor Imhallef Consuelo Scerri Herrera 9 ta' April 2024). Inoltre ir-rifjut tad-dritt li jikkonsulta avukat mhux konformi mal-artikolu 355AUV sub inciz 6 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta stante li ma hemmx iz- zewg firem essenzjali. Dan ifisser li fl-identita' ta min kien qed isuq f'dan l-incident ma intlahaqx l-livell ta' provi rikjesti fil-kamp kriminali ta "beyond a reasonable doubt" u p[er konsegwenza l-imputazzjonijet kollha mhux ippruvati

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikolu 328( d) tal-Kap 9 u art 3(1) tal-Kap 104 u Chap 65 art 15(1)( a) (2) u fil-L.S. 65.18Art 36(B) u fil-LS65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta ma ssibx lil Mohammed Abdallah hati tal-imputazzjoni fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**